MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 786/2003

**Commonwealth Educational Society Ltd ta’ Nassau, Bahamas kid rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**vs**

**Sandra Spagnol**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ April, 2003 fejn intalab il-hlas ta’ mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm151.36) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta ai termini ta’ l-iskrittura datata 21 ta’ Dicembru, 1999 (Dok.A);**
**Is-socjeta` attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-prezentata ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Novembru,**

**2002, bl-ispejjez ta’ l-istess ittra ufficjali kif ukoll l-ispejjez tat-talba kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta ta’ l-10 ta’ Lulju, 2003 u ddikjarat li qed tikkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Il-konvenuta ma regghetx dehret u ma ressqitx provi. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm151.36) bl-imghax legali dekorribli mit-13 ta’ Novembru, 2002.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Novembru, 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------